# 64. Eva ta’ Darba

Meta niftakar fik, Eva ta’ darba,
inġib quddiemi skuna fl-art mitfugħa,
skuna qadima li ta’ ommok fqira
kienet id-dwejra minn man-nies maqtugħa.

Quddiemha l-baħar kien jinfirex hieni,
u l-blat u r-ramel b’ħafna bruk imżejna;
minn qalb is-sħab bajdan ix-xemx titperreċ
u tressaq fuq il-mewġ id-dgħajjes lejna.

Iż-Żmien kien tfajjel żgħir, ferħan, fuq tiegħu,
jitliegħeb magħna qalb il-bruk ħadrana,
idomm il-ħnienaq bil-bebbux tal-plajja,
u għal bejtiet għoljin jixxabbat magħna.

It-tnejn tħabbejna mħabba ta’ bla ħtija,
qisna merilli żgħar jew par ħamiem,
jew żewġ qronfliet jitbewsu fil-qasrija
t’ommok imdendla fl-arblu ta’ quddiem.

Int kont Anġlu tas-sema, dehnek qawwi,
u qalbek qisha għajn tfawwar bla tebgħa;
u xejn ma kont nistagħġeb kieku l-ġwienaħ
f’daqqa kont trabbi u qalb is-sħab tinħeba.

Taż-zmien il-ġifen minn ma’ ħdejk ħatafni,
u saqni il-bogħod il-bogħod fl-ibħra tal-ħajja;
sefirt fit-tjieb u l-kruha, iżda xbihetek
ħelwa fil-ħsieb tal-ħsieb baqgħet titlajja.

U jekk għad jasal żmien li l-ġifen tiegħi
qadim u xiħ jagħmel għal qala sbejħa,
ifittex il-mistrieħ u l-ferħ ta’ dejjem,
minn ġewwa s-sħab, fuq żewġ ġwenħajn imrejħa,

Nistennik tinżel, ġewwa l-ġifen tiegħi
ngħammru flimkien bħal żewġt itfal ċkejknin;
iż-Żmien jibqa’ għal dejjem tfajjel ċkejken
jitliegħeb magħna qalb il-bruk ġwejdin.